

Brussell, 21 ta' Ottubru 2024  
(OR. en)

14755/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0260(NLE)

---

---

COEST 568  
POLCOM 276

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ottubru 2024
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2024) 472 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r- Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 472 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 472 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.10.2024  
COM(2024) 472 final

2024/0260 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u  
Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-  
Uzbekistan, min-naħa l-oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-approvazzjoni tal-konklużjoni tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Uzbekistan (minn hawn 'il quddiem l-“EPCA” jew “il-Ftehim”).

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u r-Repubblika tal-Uzbekistan (l-Uzbekistan) bħalissa huma bbażati fuq il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (minn hawn 'il quddiem “FSK”) iffirmit fi Brussell fil-21 ta' Ġunju 1996, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.

Fid-9 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Uzbekistan għal Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni. In-negozjati tal-Ftehim bdew f'Novembru 2018. L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Uzbekistan iffinalizzaw in-negozjati tagħhom dwar il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni f'Ġunju 2022. Fis-6 ta' Lulju 2022, ġie inizjalat it-test tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni mill-kapijiet negozjaturi.

Il-Ftehim huwa pass importanti lejn it-tiżiħ tal-impenn politiku u ekonomiku tal-UE mal-Asja Ċentrali. Huwa se jipprovdi l-bażi għal impenn bilaterali aktar effettiv bejn l-UE u l-Uzbekistan billi jsaħħaħ id-djalogu politiku u jtejjeb il-kooperazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' oqsma.

Il-Ftehim imsaħħaħ ta' sħubija u kooperazzjoni jkopri l-klawżoli standard tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM), l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (“SALW”, Small Arms and Light Weapons) u l-għieda kontra t-terroriżmu. Huwa jinkorpora wkoll il-kooperazzjoni f'oqsma bħalma huma s-saħħa, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, it-taxxa, l-edukazzjoni u l-kultura, ix-xogħol, l-impjigi u l-affarijiet soċjali, ix-xjenza u t-teknoloġija, u t-trasport. Il-Ftehim jindirizza wkoll il-kooperazzjoni legali, l-istat tad-dritt, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. Il-parti kummerċjali tal-Ftehim hija mistennija li tiżgura ambjent regolatorju aħjar għall-operaturi ekonomiċi u għalhekk se ġġib benefiċċji ekonomiċi sostanzjali għan-negozji tal-UE. L-EPCA ma jikkostitwixxix inizjattiva fil-mandat tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

Il-Ftehim jistabilixxi qafas istituzzjonali magħmul mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni, il-Kumitat ta' Kooperazzjoni u l-Kumitat ta' Kooperazzjoni Parlamentari (ara t-Titolu VII “Dispożizzjonijiet istituzzjonali, ġenerali u finali”), Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, u jippermetti l-istabiliment ta' sottokumitati u korpi oħra biex jassistu lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni. Huwa jistabilixxi wkoll mekkaniżmu għat-twettiq tal-obbligi biex jiġi indirizzat in-nuqqas minn waħda mill-Partijiet li tissodisfa l-obbligi assunti skont il-Ftehim.

Mad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim jieħu post il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, iffirmit fil-21 ta' Ġunju 1996.

#### **• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-EPCA jibni fuq l-ambizzjonijiet u l-ħtiġijiet tar-Repubblika tal-Uzbekistan u tal-UE rispettivament biex imexxu 'l quddiem ir-relazzjoni bilaterali tagħhom, fl-ispirtu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali tas-17 ta' Ġunju 2019. Il-Ftehim se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Asja Ċentrali adottata fil-15 ta' Mejju 2019.

L-EPCA jimmodernizza l-FSK tal-1999, filwaqt li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu f'oqsma ġodda ta' kooperazzjoni u jaġġorna b'mod sinifikanti l-qafas regolatorju għar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-partijiet f'konformità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-ftehimiet ekonomiċi reġjonali.

Il-Ftehim, ladarba jiġi implimentat, se jiġi kkomplementat b'mod utli mill-mekkaniżmu ta' Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP+), li minnu bbenefikat ir-Repubblika tal-Uzbekistan mill-2021. Din l-iskema toffri preferenzi tariffarji addizzjonali bi skambju għall-konformità ma' 27 konvenzjoni fundamentali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza, l-ambjent u x-xogħol.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-EPCA jirrispetta bis-sħiħ it-Trattati u jippreserva l-integrità u l-awtonomija tal-ordni ġuridiku tal-Unjoni. Huwa jippromwovi l-valuri, l-oġettivi u l-interessi tal-Unjoni, u jiżgura l-konsistenza, l-effettività u l-kontinwità tal-politiki u tal-azzjonijiet tagħha.

## 2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

- **Bażi legali sostantiva**

Skont il-każistika, jekk eżami ta' miżura tal-UE jiżvela li għandha żewġ għanijiet jew li tinkludi żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi legali waħda, jiġifieri, dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti. B'mod eċċezzjonali, jekk jiġi stabbilit, min-naħa l-oħra, li l-miżura għandha simultanjament għadd ta' oġettivi, jew diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, biex ikunu applikabbli diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat, il-miżura jrid ikollha l-bosta bażijiet legali korrispondenti (ara, f'dan is-sens, is-Sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C-178/03, EU:C:2006:4, il-punti 42 u 43; tal-11 ta' Ġunju 2014, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-377/12, EU:C:2014:1903, il-punt 34; tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C-263/14, EU:C:2016:435, il-punt 44; u tal-4 ta' Settembru 2018, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (il-Każakistan)*, C-244/17, ECLI:EU:C:2018:662, il-punt 40).

F'dan il-każ partikolari, il-Ftehim għandu żewġ oġettivi ewlenin u żewġ komponenti ewlenin li jaqgħu fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, jenħtieġ li l-bażi legali għad-deċiżjoni proposta tkun dik tal-Artikoli 207 u 209<sup>1</sup> tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

---

<sup>1</sup> Ir-Repubblika tal-Uzbekistan hija pajjiż b'introjtu medju inferjuri inkluż fil-lista tad-DAC ta' riċevituri ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp effettiva għar-rapportar tal-flussi tal-2020, 2021, 2022 u 2023, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali.

Ta' min jinnota li l-Ftehim ma jinkludix oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, u għalhekk ma jirrikjedix li l-Istati Membri tal-UE jsiru Parti għal dan il-Ftehim.

– **Bażi legali proċedurali**

L-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim wara li jkun inkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

L-Artikolu 218(8) TFUE jipprevedi li l-Kunsill għandu jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata ħlief fiċ-ċirkostanzi elenkati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE fejn il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu. Minħabba l-fatt li ż-żewġ komponenti predominanti tal-Ftehim huma l-politika kummerċjali u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ir-regola tal-votazzjoni għal dan il-każ partikolari hija, għalhekk, dik tal-maġġoranza kwalifikata.

• **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Ftehim ikopri kwistjonijiet ta' kompetenza esklużiva tal-UE, bħall-politika kummerċjali komuni, u l-parti tal-UE ta' kompetenza parallela, bħall-politika tal-iżvilupp. Huwa jsaħħaħ id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Uzbekistan. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

• **Proporzjonalità**

Il-Ftehim ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Repubblika tal-Uzbekistan, bil-ħsieb li jitkomplew ir-riformi demokratiċi, l-istat tad-dritt u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli bħala mezz biex jiżdiedu l-istabbiltà u s-sigurtà tar-Repubblika tal-Uzbekistan. Il-Ftehim mhux se jirrikjedi li l-Unjoni temenda r-regoli, ir-regolamenti jew l-istandards tagħha f'kull qasam regolat.

**3. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

• **Konsultazzjonijiet**

Il-Kunsill ġie infurmat u kkonsultat regolarment fil-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (COEST) u fil-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (TPC, Trade Policy Committee), fl-istadji kollha tan-negożjati.

Il-Parlament Ewropew ġie infurmat regolarment u fil-pront matul in-negożjati.

Ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni jikkunsidraw li l-oġġettivi stipulati mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjar tiegħu intlaħqu, u li l-abbozz tal-Ftehim jista' jiġi ppreżentat għall-konklużjoni.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saritx valutazzjoni tal-impatt, peress li l-Ftehim fil-biċċa l-kbira jaġġorna u jsaħħaħ il-FSK eżistenti, u għalhekk mhuwiex se jintroduċi oqsma ġodda sostanzjali ta' kooperazzjoni li jkollhom impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali konsiderevoli. L-impatt mistenni huwa fil-biċċa l-kbira politiku - l-UE għandha l-għan li tirrinforza d-direzzjoni politika ta' pajjiż sieħeb u li ssaħħaħ il-kapital politiku tal-UE. Jista' jkun hemm konsegwenzi soċjali pożittivi fl-Uzbekistan relatati prinċipalment mad-dispożizzjonijiet previsti dwar l-istat tad-dritt, id-

drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà. Hija prevista wkoll żieda fil-kummerċ bħala riżultat ta' ambjent tan-negozju mtejjeb, iżda din ma tippreżenta l-ebda riskju għal setturi speċifiċi tal-industrija fuq kull naħa, peress li l-Uzbekistan u l-UE mhumiex qed jikkompetu fl-istess setturi. It-tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt ma titqiesx li x'aktarx tagħti riżultati proporzjonati mar-riżorsi użati.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218 (7),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) [...], il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fi [...], suġġett għall-konklużjoni tiegħu,
- (2) Il-Ftehim jikkostitwixxi pass importanti lejn it-tisħiħ tal-impenn politiku u ekonomiku tal-Unjoni Ewropea mal-Asja Ċentrali. Bit-tisħiħ tad-djalogu politiku u t-titjib tal-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma, se jkun ta' bażi għal impenn bilaterali aktar effettiv mar-Repubblika tal-Uzbekistan,
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,
- (4) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 218(7) TFUE li tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni f'dawk l-oqsma fejn il-korpi stabbiliti mill-Ftehim għandhom jieħdu deċiżjonijiet ta' natura teknika li ma jinvolvux marġni wiesgħa ta' apprezzament politiku,
- (5) F'konformità mat-Trattati, huwa fir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura li n-notifika lir-Repubblika tal-Uzbekistan prevista fl-Artikolu 345 tal-Ftehim (il-paragrafu 1) tal-Ftehim issir f'isem l-Unjoni, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim,
- (6) F'konformità mat-Trattati, huwa fir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura n-notifiki previsti fl-Artikli 346 u 352 tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 2*

Għall-finijiet tal-Artikolu 27(2)(a)(ii) tal-Ftehim, il-modifiki għall-Ftehim permezz ta' deċiżjonijiet marbuta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tiegħu tal-kummerċ għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Fejn partijiet interessati ma jkunux jistgħu jilhqqu ftehim wara oġġezzjonijiet marbuta ma' indikazzjoni ġeografika, il-Kummissjoni għandha taadotta pożizzjoni abbażi tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Għall-finijiet tar-retifiki jew il-modifiki msemmija fl-Artikolu 174 tal-Ftehim jew kwalunkwe pożizzjoni li l-Unjoni jkollha tiegħu f'tali proċedura, l-emenda jew il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun approvata mill-Kummissjoni.

### *Artikolu 3*

1. Isem protett taħt is-subtaqsima 4 "Indikazzjonijiet Ġeografiċi" tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 7 tat-Titolu IV tal-Ftehim jista' jintuża minn kull operatur li jikkummerċjalizza prodotti agrikoli, affarijiet tal-ikel, inbejjed, inbejjed aromatizzati jew spirti konformi mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti.

2. F'konformita mal-Artikolu 109 tal-Ftehim, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jinfurzaw il-protezzjoni prevista fl-Artikoli minn 104 sa 108 tal-Ftehim, inkluż fuq talba ta' parti interessata.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*